MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 3/1995/1

**Joseph Bonello u b'digriet tal-Bord tal-21.5.1996 Marlene Darmanin interveniet fil-kawza *in statu et terminis.* U b'digriet tat-18 ta' Novembru 2002 assumew l-atti Valentina bonello armla ta' Joseph Bonello u Norman, Randolf, Brian u Sharon awha Bonello ulied Joseph Bonello li gie nieqes fil-mori tar-rikors.**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti huwa sid ta' bicca art maghrufa "Tal Handaq" sive "Ta' Gharram" f'Hal Qormi tal-kejl ta' cirka 1686 metri kwadri li giet akkwistata mill-Gvern bis-sahha tal-Att numru wiehed tas-sena 1983 dwar l-arei ghall-

izvilupp tal-bini, b'dikjarazzjoni tal-Parlament fl-4 ta' Lulju 1983 (avviz tal-Gvern Numru 409).

Illi r-rikorrent akkwista din l-art permezz ta' kuntratt ta' divizjoni ppublikat min-Nutar Nicola Said fil-5 ta' Frar 1983 fejn irrizulta li giet assenjata lir-rikorrenti l-ewwel porzjoni li kienet tikkomprendi l-art fuq imsemmija "Tal-Handaq" (item C) kif deskritta fir-relattiva pjanta Dok B annessa mal-Att (Dok XX).

Illi b'ittra ufficjali tas-6 ta' Lulju 1985 l-Agent K ummissarju tal-Artijiet innotifika lir-rikorrenti bir-rizoluzzjoni tal-Parlament fuq imsemmija u mal-istess ittra annetta pjanta tal-area ta' Hal-Qormi li tinkludi l-art inkwistjoni (Dok XXX).

Ghaldaqstant u ghall-finijiet tal-Att numru 1 tal-1983 ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu:

1. Jiddeciedi il-jedd tal-esponent fuq jew l-interess tieghu fl-art de quo.
2. Jiddeciedi u jistabilixxi l-ammont ta' kumpens li ghalih ghandu jedd l-esponent.
3. Tordna u tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti dak il-kumpens hekk likwidat.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunisdra:

Illi din hija kawza ghall-fissazzjoni tal-kumpens gust wara tehid ta' bicca art f'Hal Qormi bis-sahha tal-Att I tal-1983 dwar l-Arei Ghall-Izvilupp. Ikun rilevat illi fil-mori tal-kawza, Marlene Azzopardi kienet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis* peress illi kien *prima facie* jidher li kellha interess fuq l-istess art li kienet ukoll mertu ta' kawza ohra pendenti quddiem dan l-istess Bord;

Illi b'decizjoni preliminari ta' dan il-Bord moghtija fl-1 ta' Gunju 2001, wara li kien deciz illi l-art appartenenti lir-rikorrenti hija dik murija fuq il-pjanta a fol 85 fir-Rikors

numru 4/92, kien ukoll ordna t-tkomplija tas-smiegh tar-rikors odjern. Illi ghalhekk kwantu l-pretensjoni ta' l-intervenuta fil-kawza li parti mill-art pretiza mir-rikorrenti tifforma ukoll parti mill-art mertu ta' kawza ohra, rikors 4/92 li minnha ghandha sehem, jirrizulta illi l-istess intervenuta ma ghandha ebda sehem skond id-delinazzjoni maghmula mill-perit arkitett minnha inkarigat. Il-pretensjoni tal-intervenuta fil-kawza ghalhekk qed tkun michuda stante li ma ghandha ebda interess f'dawn il-proceduri;

Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija dwar il-jedd li hu, issa l-werrieta tieghu, ghandhom fuq l-art *de quo*. Il-Bord ra l-kuntratt tal-akkwist tar-rikorrenti in atti tan-Nutar Dottor Nicola Said tal-5 ta' Frar tal-1983, liema att huwa wiehed ta' divizjoni bejn possessuri komuni. Minn hawn jemergi is-sehem tar-rikorrenti Joseph Bonello u mill-atti ma hemm xejn li jista' b'xi mod inissel dubbju dwar il-provenjenza ta' dan l-akkwist. Ghalhekk hija l-fehma ta' dan il-Bord illi r-rikorrenti ghandhom titolu ta' sidien tal-art mertu tar-rikors promutur;

It-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti huwa ghall-kumpens u hlas tal-istess ghat-tehid ta' din l-art li sehh b'Rizoluzzjoni tal-Parlament tal-4 ta' Lulju 1983 fit-termini tal-Att I tal-1983 kif jemergi mid-dokumenti esebiti a fol 19 sa 21 tal-process u kif notifikati lir-rikorrenti skond ittra ufficcjali tas-6 ta' Gunju 1985 a fol 18;

Illi sabiex jasal ghal-valur gust ghat-tehid ta' din l-art il-Bord kien assenja biex jassistuh lil-tnejn mill-periti membri tieghu liema periti kienu sostitwiti b'digriet tad-9 ta' Gunju 2011 minhabba dewmien fil-prezentata tar-relazzjoni mill-periti membri precedenti. Il-membri tal-Bord, wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz, inkluz illi l-art ittiehdet in forza tal-Att I tal-1983, waslu ghall-konkluzzjoni illi l-valur taghha ghandu jkun ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500). Il-partijiet irrimetterew ruhhom skond il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012;

Illi l-kejl ta' din l-art huwa ta' 1686 metri kwadri u skond l-artikolu 6 tal-Att I tal-1983, kull art mehuda bis-sahha ta'

dan l-att ghandha titqies li hija wahda agrikola ghal fini ta’ fissazzjoni ta’ kumpens. Il-kumpens raggunt mill-periti membri fit-termini ta’ dan l-Att ghalhekk jidher li huwa wiehed gust u ser ikun akkolt minn dan l-Bord;

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt illi tichad it-talba tal-intervenuta fil-kawza ghal-kull jedd fuq l-art, jiddikjara illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-art in mertu; li l-kumpens ghal dan it-tehid ghandu jkun fis-somma ta’ €3,500 u li l-intimat ghandu jhallas dan l-ammont hekk likwidat fi zmien erba (4) xhur mil-lum bl-imghax skond il-ligi mid-data tat-tehid.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------